MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-5 ta' April, 2011

Appell Civili Numru. 405/1987/1

**Anthony Mifsud.**

**v.**

**Supretendent Carmelo Bonello,**
**Supretendent Joseph Psaila,**
**u Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru, 2008 fejn jinghad hekk:

“**Il-Qorti,**

“**<u>1. PRELIMINARI.</u>**

“Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta’ Mejju 1987 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Victor Borg Costanzi fejn gie premess:-

“Illi l-attur, ex-P.C. 1810 Anthony Mifsud, kien gie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati ta’ Malta fil-15 ta’ Gunju 1982 taht arrest u akkuzat b’korruzzjoni u komplicita` fil-harba mill-Habs Civili ta’ zewg prigunieri, Louis Bartolo u Ahmed Khalil Habib

“Illi wara process quddiem Gurija l-attur gie misjub mhux hati skont il-verdett tal-Gurija u b’sentenza tad-19 ta’ Gunju 1985 gie liberat minn kull akkuza. Illi l-imsemmija procedura kriminali kontra l-attur ittiehdu a bazi ta’ dikjarazzjonijiet estorti mill-konvenuti Supretendent Carmelo Bonello u Supretendent Joseph Psaila, subalterni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, bi vjolenza fizika, theddid u biza’.

“Illi skont l-artikolu 6 tal-Oridinanza II tal-1961 *“Il-Kummissarju (tal-Pulizija) ghandu jkollu l-kmand, direzzjoni u sorveljanza tal-Korp”,* u ghalhekk ghandu wkoll ir-responsabbilta` legali ghall-imgieba tal-membri tal-istess Korp tal-Pulizija.

“Illi l-attur sofra danni konsistenti f’telf ta’ paga u *“loss of earNing capacity”* u telf ta’ reputazzjoni bhala rizultat tal-proceduri kriminali mehuda kontra tieghu, u baqa’ minghajr impjieg sal-11 ta’ Mejju 1987, *stante* li huwa baqa’ jinzamm taht arrest preventiv sad-data meta gie liberat, cioe` 19 ta’ Gunju 1985.

“Illi l-konvenuti, debitament interpellati, baqghu inadempjenti.

"Illi din il-Qorti in forza ta' sentenza tat-30 ta' Marzu 1987 fil-kawza fl-ismijiet **"Kummissarju tal-Pulizija, Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u Accountant General vs Anthony Mifsud"** (Citazzjoni nru. 324/86 G) ipprefiggiet lill-attur odjern terminu ta' xahrejn sabiex igib 'il quddiem b' kawza l-pretensjoni tieghu.

"Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti, jew min minnhom, jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur kif fuq inghad, prevja d-dikjarazzjoni illi l-imsemmi proceduri kriminali kontra tieghu ttiehdu a bazi ta' dikjarazzjonijiet estorti mill-konvenuti Supretendent Carmelo Bonello u Supretendent Joseph Psaila, subalterni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, bi vjolenza fizika, theddid u biza';

"2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur dik is-somma dikjarata bhala dovuta *in linea* ta' danni.

"Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Gunju 1985, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni, u bl-imghax skont il-ligi.

"Omissis ...

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut is-Supretendent Joseph Psaila datata 4 ta' Jannar 1988 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

"1. Illi preliminarjament kull azzjoni '*ex delicto vel quasi delicto'* hi preskritta bit-terminu ta' sentejn;

"2. Illi, bla pregiduzzju ghall-ewwel eccezzjoni, fil-mertu t-talbiet tal-attur huma nfondati ghaliex bazati fuq premessi foloz *stante* li l-eccipjenti ma ha l-ebda dikjarazzjoni minn ghand l-attur "bi vjolenza fizika, theddid u biza."

“3. Illi, bla preguddizzju ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni, il-premessa l-ohra li l-attur kellu “*loss of earning capacity*” (*lucrum cessans*) hi ghal kollox infondata *stante* li l-Kodici Civili (**artikolu 1405**) tikkontempla “telf ta’ qligh ‘l quddiem” f’kaz biss fejn tirrizulta “inkapacita `ghal dejjem, totali u parzjali”.

“4. Illi bl-istess mod il-premessa dwar “telf ta’ reputazzjoni” hi ghal kollox infondata *stante* li l-ligi taghna tipprovdi biss danni materjali u mhux ghal danni morali komprizi ‘*pain and suffering’.*

“5. Illi subordinament u specifikatament b’referenza ghall-lista tax-xhieda tal-attur kull xorta ta’ evidenza fil-preoceduri kriminali mhix ammissibbli fil-proceduri odjerna ladarba l-istess xhieda tista’ tinghata ‘*viva voce*’.

“6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut is-Supretendent Joseph Psaila a fol. 10 u 11 tal-process.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut is-Supretendent Carmelo Bartolo datata 4 ta’ Jannar 1988 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

“1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentament ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

“2. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-esponent jirrespingi kull addebitu personali fil-konfront tieghu.

“3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut is-Supretendent Carmelo Bonello a fol. 13 u 14 tal-process.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija datata 4 ta' Jannar 1988 a fol. 15 tal-process fejn gie eccepit:-

"1. Illi preliminarjament hu mhux edott mill-fatti kif migjuba fic-citazzjoni.

"2. Illi subordinatament u bla pregudizzju hu, jigifieri l-Kummissarju tal-Pulizija odjern, mhux il-legittimu kontradittur f' din l-kawza *stante* li hu assuma l-kmand, direzzjoni u sorveljanza tal-Kap tal-Pulizija biss fl-20 ta' Gunju 1987, meta l-fatti premessi fic-citazzjoni jirrisalu ghaz-zmien meta l-Kummissarju tal-Pulizija kienet persuna ohra u ghalhekk hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

"3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tieghu.

"4. Illi hu ma ghandu jbati ebda spejjez.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija Kurunell John Spiteri *a tergo* ta' fol. 15 u fol. 16 tal-process.

"Omissis ....

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Carmelo Bonello datat 4 ta' Ottubru 1989 a fol. 37 tal-process fejn eccepixxa illi:-

"1. Il-preskrizzjoni ta' sentejn li ghaddew mid-data tal-arrest *stante* li din hi kawza ghad-danni li bhala kawzali ghandha l-kwazi delitt.

"2. Illi skont il-ligi mhix moghtija fil-ligi taghna azzjoni ta' danni lil min ikun liberat mill-proceduri kriminali.

"3. Illi hu nzamm arrest taht l-ordni tal-Qorti u mhux taht l-ordni tal-esponenti, u ghalhekk l-esponent m'ghandux jirrispondi ghal dak li ghamlet il-Qorti u l-Avukat Generali li akkuza.

"Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Carmelo Bonello a fol. 37 tal-process.

Rat id-decizjoni *in parte* moghtija mill-Onorabbli Qorti l-Imhallef Victor Caruana Colombo fis-seduta tad-9 ta' Frar 1990 fejn il-Qorti:- "*tilqa' it-talba ghaz-zewg eccezzjonijiet imsemmijja u tiddikjara l-azzjoni, kwantu diretta kontra l-konvenuti Psaila u Bonello, preskritta fit-terminu tal-* ***artikolu 2153 tal-Kodici Civili****. L-ispejjez jithallsu mill-attur".*

"Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija datata 26 ta' Frar 1990 a fol. 62 tal-process fejn eccepixxa:-

"1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti bit-trapass ta' sentejn mill-15 ta' Gunju 1982 peress li l-azzjoni odjerna hi wahda *ex delicto vel quasi delicto*, u ghalhekk japplika l-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili**.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija a fol. 62 u 63 tal-process.

"Omissis ......

"**II. KONSIDERAZJONIJIET.**

"Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob danni attwalment sofferti minnu minghand il-konvenuti peress li ttiehdu proceduri kriminali kontrih a bazi ta' dikjarazzjonijiet estorti minnu mill-konvenuti Bonello u Psaila, subalterni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, bi vjolenza fizika, theddid u biza'.

"Illi huwa ppremetta li minhabba tali dikjarazzjoni huwa gie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati fil-15 ta' Gunju 1982 taht arrest u akkuzat b'korruzzjoni u

komplicita’ fil-harba mill-habs civili ta’ zewg prigunieri, Louis Bartolo u Ahmed Khalil Habib. Wara process quddiem gurija l-attur gie misjub mhux hati skont il-verdett u b’sentenza tad-19 ta’ Gunju 1985 gie liberat minn kull akkuza. Sostna wkoll li l-azzjoni saret ukoll kontra il-Kummissarju tal-Pulizija ghaliex huwa ghandu jkollu l-kmand, direzzjoni u sorveljanza tal-korp u b’hekk ghandu wkoll ir-responsabbilta’ legali ghall-imgieba tal-membri tal-istess korp.

“Illi l-attur isostni li minhabba dan l-agir huwa sofra danni konsistenti f’telf ta’ paga, *loss of earning capacity* u telf ta’ reputazzjoni bhala rizultat tal-proceduri kriminali mehuda kontra tieghu, u baqa’ minghajr impieg sal-11 ta’ Mejju 1987, *stante* li huwa baqa’ jinzamm taht arrest preventiv sad-data meta gie liberat fid-19 ta’ Gunju 1985.

“Illi il-konvenuti Bonello u Psaila ressqu eccezzjoni ulterjuri fis-sens li l-azzjoni odjerna hija preskritta peress li ghaddew sentejn mid-data tal-arrest, *stante* li din hi kawza ghad-danni li bhala kawzali ghandha l-kwazi-delitt.

“Illi permezz ta’ sentenza preliminari moghtija fid-9 ta’ Frar 1990 il-Prim’Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Victor Caruana Colombo laqghet iz-zewg eccezzjonijiet u ddikjarat l-azzjoni, kwantu diretta kontra l-konvenuti Joseph Psaila u Carmelo Bonello, preskritta fit-terminu tal-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili.** Din is-sentenza ghaddiet in gudikat u dan peress li ma sar ebda appell minnha u ghalhekk taghmel stat fil-konfront tal-konvenuti Joseph Psaila u Carmelo Bonello.

“Illi sussegwentement il-konvenut l-iehor Kummissarju tal-Pulizija eccepixxa permezz ta’ eccezzjoni ulterjuri wkoll li l-azzjoni fil-konfront tieghu hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili.**

“Illi din is-sentenza ghalhekk hija limitata fil-konfront tal-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija u l-ewwel punt li ser jigi deciz huwa proprju dak fir-rigward ta’ din l-eccezzjoni ulterjuri tal-Kummissarju tal-Pulizija rigward il-preskrizzjoni hemm eccepita.

"Illi din il-Qorti thoss li l-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili** tapplika fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija ghaliex l-azzjoni *de quo* fil-konfront tieghu hija wahda ta' danni *ex delicto vel quasi delicto*.

"Illi fil-fatt l-azzjoni attrici kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u dan dejjem fil-kamp civil, giet promossa kontra tieghu biss ghaliex huwa ghandu l-kmand, direzzjoni jew sorveljanza tal-Korp tal-Pulizija – u tittratta ghalhekk dwar responsabbilta' akwiljana u mhux ghaliex allegatament huwa kkommetta xi reat. B'hekk fil-konfront tieghu l-applikazzjoni tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** hija korretta u dan ghaliex jekk wiehed jiehu l-atti inkriminanti fil-konfront tal-konvenuti Carmelo Bonello u Joseph Psaila dawn sehhew bejn il-11 ta' Gunju 1982 u l-15 ta' Gunju 1982 u l-azzjoni odjerna saret biss fis-26 ta' Mejju 2007. L-ittri ufficjali tat-28 ta' Gunju 1985 u 30 ta' Marzu 1987 ma interrompewx il-preskrizzjoni ghaliex it-terminu ta' sentejn kien gja skada mid-data tal-15 ta' Gunju 1982.

"Illi dwar il-kawza kostituzzjonali li hija mertu ta' azzjoni *ad hoc* japplikaw principji ohra peress li azzjoni kostituzzjonali dwar allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ma hijiex suggetta ghall-preskrizzjoni **("A.I.C. Joseph Barbara et vs Onor Prim Ministru"** (Q.K. – 7 ta' Ottubru 2007) u dan apparti r-responsabbilta' tal-istess ufficjal f'kawzi kostituzzjonali kif deciz fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Mary Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et"** (Q.K. – 6 ta' Awissu 2001) applikati fis-sentenza tallum fl-ismijiet **"Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello"** (Rikors 176/1987).

"Illi hawn il-Qorti bir-rispett tinnota li hemm differenza bejn l-azzjoni kif intavolata kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u l-azzjoni kontra l-konvenuti l-ohra, u dan peress li l-allegazzjoni fil-konfront taghhom jikkostitwixxu l-allegazzjoni ta' kommissjoni ta' reat u ghalhekk fil-konfront taghhhom kellha tapplika preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2154 tal-Kap. 16.**

“Illi jirrizulta li gie deciz mod iehor f’sentenza fl-ismijiet premessi fuq indikata datata 9 ta’ Frar 1990, liema sentenza llum ghaddiet in gudikat, u allura ma hemmx iktar x’wiehed jghid dwar l-istess ghaliex illum hemm *res judicata* fir-rigward u fil-konfront tal-konvenuti Joseph Psaila u Carmelo Bonello, la darba l-attur ma pprezenta ebda appell wara l-istess sentenza.

“Illi ghalhekk din il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tiddeciedi li fil-konfront tieghu l-kawza hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16.**

“**III. KONKLUZJONI.**

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tirreferi ghas-sentenza datata 9 ta’ Frar 1990 fil-kawza fl-ismijiet premessi fejn laqghet iz-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Psaila u Carmelo Bonello u ddikjarat l-azzjoni, kwantu diretta kontra l-istess konvenuti Joseph Psaila u Carmelo Bonello, preskritta fit-terminu tal-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili** bl-ispejjez kontra l-attur, u **tilqa’ l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizja b’dan li tiddikjara li l-azzjoni attrici fil-konfront tieghu hija preskritta a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16** u b’hekk **tichad it-talbiet tal-attur ukoll fil-konfront tal-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija.**

“Bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni kontra l-attur.:

**L-appell tal-attur**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors ipprezentat fit-18 ta’ Novembru, 2008 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla l-istess sentenza u konsegwentement tiddikjara illi l-kawza civili ma gietx preskritta fil-konfront tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili peress li dan l-artikolu ma japplikax izda japplika l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili. Bl-ispejjez kontra l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Kummissarju tal-Pulizija appellat ma ressaq ebda risposta ghalkemm saret it-trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2011.

**L-aggravju tal-attur appellant**

Fl-aggravju tieghu l-attur appellant jinsisti li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta laqghet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-istess Kummissarju tal-Pulizija bazata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 billi, skont l-istess appellant, la darba l-istess appellat ikkonceda illi l-kawza odjerna ma kinitx haga ohra ghajr **azzjoni ghad-danni naxxenti minn reat,** l-artikolu applikabbli kien l-Artikolu 2154 tal-istess Kap. 16 li jippreskrivi li f'azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.

Dan premess l-appellant jikkontendi li l-azzjoni tieghu ma kinitx preskritta bid-dekors tal-perjodu ta' sentejn kontemplat fl-Artikolu 2153, kif irriteniet l-ewwel Qorti, billi f'kaz ta' offiza gravi li tikkaguna "**debbulizza permanenti fis-sahha ……. jew marda permanenti tal-mohh**" kontemplata fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, kondizzjoni li l-appellant jghid li jbati bhala rizultat tat-trattament li kien inghata, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hmistax-il sena a tenur tal-Artikolu 688 tal-Kodici Kriminali.

Illi huwa interessanti dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija. Hemm jinghad hekk:

"Illi din il-Qorti thoss li l-preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili** tapplika fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija ghaliex l-azzjoni *de quo* fil-konfront tieghu hija wahda ta' danni *ex delicto vel quasi delicto*.

"Illi fil-fatt l-azzjoni attrici kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u dan dejjem fil-kamp civil, giet promossa kontra tieghu

biss ghaliex huwa ghandu l-kmand, direzzjoni jew sorveljanza tal-Korp tal-Pulizija – u tittratta ghalhekk dwar responsabbilta’ akwiljana u mhux ghaliex allegatament huwa kkommetta xi reat. B’hekk fil-konfront tieghu l-applikazzjoni tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** hija korretta u dan ghaliex jekk wiehed jiehu l-atti inkriminanti fil-konfront tal-konvenuti Carmelo Bonello u Joseph Psaila dawn sehhew bejn il-11 ta’ Gunju 1982 u l-15 ta’ Gunju 1982 u l-azzjoni odjerna saret biss fis-26 ta’ Mejju 2007 [*recte:* 1987]. L-ittri ufficjali tat-28 ta’ Gunju 1985 u 30 ta’ Marzu 1987 ma interrompewx il-preskrizzjoni ghaliex it-terminu ta’ sentejn kien gja skada mid-data tal-15 ta’ Gunju 1982.

“Illi dwar il-kawza kostituzzjonali li hija mertu ta’ azzjoni *ad hoc* japplikaw principji ohra peress li azzjoni kostituzzjonali dwar allegazzjoni ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ma hijiex suggetta ghall-preskrizzjoni **(“A.I.C. Joseph Barbara et vs Onor Prim Ministru”** (Q.K. – 7 ta’ Ottubru 2007) u dan apparti r-responsabbilta’ tal-istess ufficjal f’kawzi kostituzzjonali kif deciz fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Mary Vella et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et”** (Q.K. – 6 ta’ Awissu 2001) applikati fis-sentenza tallum fl-ismijiet **“Anthony Mifsud vs Supretendent Carmelo Bonello”** (Rikors 176/1987).

“Illi hawn il-Qorti bir-rispett tinnota li hemm differenza bejn l-azzjoni kif intavolata kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u l-azzjoni kontra l-konvenuti l-ohra, u dan peress li l-allegazzjoni fil-konfront taghhom jikkostitwixxu l-allegazzjoni ta’ kommissjoni ta’ reat u ghalhekk fil-konfront taghhhom kellha tapplika preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2154 tal-Kap. 16.**

“Illi jirrizulta li gie deciz mod iehor f’sentenza fl-ismijiet premessi fuq indikata datata 9 ta’ Frar 1990, liema sentenza llum ghaddiet in gudikat, u allura ma hemmx iktar x’wiehed jghid dwar l-istess ghaliex illum hemm *res judicata* fir-rigward u fil-konfront tal-konvenuti Joseph Psaila u Carmelo Bonello, la darba l-attur ma pprezenta ebda appell wara l-istess sentenza.

"Illi ghalhekk din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tiddeciedi li fil-konfront tieghu l-kawza hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16."**

Huwa interessanti wkoll dak li nghad fis-sentenza preliminari tad-9 ta' Frar, 1990, minn liema sentenza ma gie ntavolat ebda appell, meta l-ewwel Qorti kienet laqghet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti Psaila u Bonello msejsa fuq l-Artikolu 2153. Infatti fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Psaila kien gie eccepit li "*kull azzjoni 'ex delicto vel quasi delicto' hi preskritta fit-terminu ta' sentejn"* mentri l-konvenut Bonello kien issolleva l-"*preskrizzjoni ta' sentejn li ghaddew mid-data tal-arrest, stante li din hi kawza ghad-danni li bhala kawzali ghandha l-kwazi delitt.*"

1) Iz-zewg eccezzjonijiet premessi huma ovvjament tal-preskrizzjoni prevista fl-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jiddisponi li l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn.

2) Dan l-artikolu u l-preskrizzjoni opposta, jirrigwarda danni derivanti minn htija 'extra kontrattwali' jew 'culpa Aquiliana'. Il-preskrizzjoni sollevata hija applikabbli ghad-danni li jitnisslu minn <u>delitt fis-sens civili u kwazi delitt</u> (Vol XLIII.II.789).

3) It-talba ghar-rizarciment tad-danni allegatament kagunati bhala rizultat ta' proceduri kriminali, kwantu diretta kontra l-konvenuti Psaila u Bonello, hija bazata fuq il-kawzali li dawk il-proceduri gew mehudin kontra l-atturi a bazi ta' dikjarazzjonijiet estorti mill-imsemmija konvenuti bi vjolenza fizika, theddid u biza. Jigifieri l-azzjoni hija fondata fuq il-"culpa Aquiliana" attribwita lill-istess konvenuti. Il-preskrizzjoni biennali invokata ghalhekk hija applikabbli ghall-azzjoni proposta kontra dawn il-konvenuti."

Mhux kontestat li, f'dak li seta' sehh waqt li l-appellant kien qed jigi interrogat, il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ma kienx prezenti u ghalhekk ma seta' qatt ikun

responsabbli personalment u b'mod dirett. Infatti, fic-citazzjoni promotrici, l-istess attur appellant jiggustifika l-presenza tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija f'dawn il-proceduri billi saret referenza ghall-obbligi u dmirijiet tal-istess Kummissarju kif riportati fl-Artikolu 6 [recte 5] Ordinanza II tal-1961 – Illum Chapter 164 The Malta Police Force – tal-Ligijet ta' Malta billi huwa premess li gialadarba l-istess Kummissarju ghandu "*l-kmand, direzzjoni u sorveljanza tal-korp*" ghandu wkoll ir-responsabbilita` legali ghall-imgieba tal-membri tal-istess Korp tal-Pulizija.

Fir-rikors tal-appell l-attur appellant isostni li l-konvenut Kummissarju, inkwantu responsabbli ghall-Korp, huwa "hati" tar-reati kriminali li l-appellant qed jimputah bihom. Konsegwentement l-appellant isostni li l-preskrizzjoni ma hijiex dik kontemplata fl-Artikolu 2153 izda dik ghad-danni derivanti minn reat kif preskrit fl-Artikolu 2154. L-appellant ikompli jenfasizza li kien l-istess appellat, fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu, li jenfasizza li l-azzjoni hija konsegwenza ta' reat meta jinghad li din hija wahda *ex delicto vel kwasi delicto.*

Din il-Qorti tosserva fir-rigward li sahansitra s-sentenza preliminari tad-9 ta' Frar, 1990 tirrikonoxxi li "*l-azzjoni* [odjerna] *hija fondata fuq il-'culpa Aquiliana' attribwita lill-istess konvenuti*". Konsegwentement, fl-1990, gie deciz li "*Il-preskrizzjoni biennali invokata ghalhekk hija applikabbli ghall-azzjoni proposta*" kontra l-konvenuti Psaila u Bonello. Minn din is-sentenza, kif inghad, ma gie intavolat ebda appell u ghalhekk llum ghandna gudikat fejn huwa stabbilit li l-azzjoni proposta hija msejsa fuq r-responsabbilita` Aquiliana kontemplata fl-Artikoli 1029 sa 1051 tas-Sub-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kap. 16 li jitkellem fuq Delitti u Kwazi-Delitti ta' natura civili bhala distinti minn reati kriminali. Ghal dawn id-delitti kienet qed issir referenza fl-eccezzjoni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija meta, fin-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu (fol. 62), jghid li "l-azzjoni odjerna hi wahda *ex delicto vel quasi delicto*". Isegwi li, responsabbli kemm jista' jkun responsabbli l-Kummissarju tal-Pulizija a tenur tal-Artikolu 5 tal-Kap. 164, din ir-responsabbilita` hija

dejjem cirkoskritta b'dak li hemm provdut fl-Artikoli 1029 *et sequitur* u konsegwentement l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 ghal dik li hi preskrizzjoni.

L-aggravju tal-attur appellant ghalhekk mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attur qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata u dan bl-ispejjez kontra l-istess attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------